

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0329/2006

10.10.2006

RAPPORT

dwar it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Mario Borghezio
(2006/2151(IMM))

Kumitat dwar l-Affarijiet Legali

Rapporteur: Maria Berger

WERREJ

	Pàġna
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	4
PROĊEDURA	9

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Mario Borgezio (2006/2151(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba ta' Mario Borgezio għall-ħarsien ta' l-immunità tiegħu mgħoddija permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Mejju 2006, u kkomunikata waqt is-seduta plenarja li saret fl-1 ta' Ġunju 2006,
 - wara li sema' lil Mario Borgezio skond l-Artikolu 7 (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-introduzzjoni ta' l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, ta' l-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' 10 ta' Lulju 1986¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarjiet Legali (A6-0329/2006),
1. Jiddeċiedi li ma jħarisx l-immunità u l-privileġġi ta' Mario Borgezio;

¹ Il-Każ 101/63 *Wagner / Fohrmann u Krier*, 1964 ECR 195, u l-Każ 149/85 *Wybot v Faure et* 1986 ECR 2391.

NOTA SPJEGATTIVA

I. FATTI

B'ittra tas-7 ta' Ġunju 2006 l-President tal-Parlament Ewropew għadda lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali skond l-Artikolu 6 (3) tar-Regoli ta' Proċedura ittra tas-Sur Mario Borghezio, Membru tal-Parlament Ewropew, li permezz tagħha talab għall-ħarsien ta' l-immunità tiegħu.

Skond l-Artikolu 6 (3) tar-Regoli ta' Proċedura l-Parlament Ewropew ikkunsidra t-talba waqt is-seduta plenarja ta' l-1 ta' Ġunju 2006 u rreferiha lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

Fit-talba għall-ħarsien ta' l-immunità tiegħu, is-Sur Borghezio, MEP, irrefera għal ittra indirizzata lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti ta' Milan dwar il-bidu ta' proċeduri kriminali (Artikolu 369 u 369 a tal-Proċedura tal-Kodiċi Kriminali Taljana) u dwar il-konklużjoni ta' l-investigazzjonijiet (Artikolu 415 a tal-Proċedura tal-Kodiċi Kriminali). F'din l-ittra s-Sur Borghezio ġie infurmat li l-Uffiċċju tal-Prokuratur mexxa investigazzjonijiet kontri u li l-investigazzjonijiet preliminari fir-rigward ta' reat kontra l-Artikolu 639 (2) tal-Kodiċi Kriminali¹ ġew konklużi, fejn l-akkuża tallega li fil-25 ta' Jannar 2005 kiteb il-kliem "għajb għal Forleo" fuq il-bankina tal-Palazz tal-Ġustizzja f'Milan permezz ta' sprej.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Settembru 2006 sema' lis-Sur Borghezio skond l-Artikolu 7 (3) tar-Regoli ta' Proċedura. Is-Sur Borghezio ibbaża l-argumenti tiegħu fuq il-fatt li, waqt dimostrazzjoni kontra sentenza magħrufa mogħtija fuq

¹ Dan l-Artikolu jgħid:

"Artikolu 639

DANNU U ĦMIEĠ FUQ PROPJETÀ TA' PERSUNI OĦRA

Min jaħmel ħsara fuq jew iħammeġ beni mobbli jew immobbli barra dawk imsemmija fl-Artikolu 635, li huma propjetà ta' persuna jew persuni oħra, fuq talba miġjuba mill-peruna offiża, jeħel piena sa Lire 200 000.

Jekk l-offiża ssir fuq beni ta' interess storiku jew artistiku, fi kwalunkwe post jew fi propjetà li jkollha interess storiku u li tinsab 'il ġewwa mil-limiti ta' ċentru storiku, din l-azzjoni hija punibbli b'perjodu ta' detenzjoni ta' mhux aktar minn sena jew b'multa ta' mhux aktar minn żewġ miljun Lire. (1)

(1) Paragrafu miżjud permezz ta' l-Artikolu 13 (2) tal-liġi tat-8.10.1997 Nru 352.

Artikolu 639 a.

KAŻIJET FEJN IL-PROSEKUZZJONI MA TIDDEPENDIX MINN AZZJONI MIĠJUBA MINN PARTI OFFIŻA

Fil-każijiet msemmija fl-Artikoli 631, 632, 633 u 636 ir-reat huwa punibbli pubblikament, jekk dan ikun sar fuq ibħra, art, propjetà jew bini pubbliċi jew li maħsuba biex jintużaw mill-pubbliku."

każ dwar it-terroriżmu, huwa kien esprima l-opinjoni politika tiegħu billi kiteb il-kelma "għib" fuq il-bankina permezz ta' sprej li kien silfu dimonstrant ieħor. B'dan il-mod huwa sempliċiment esprima l-opinjoni tiegħu, u ma kienx qed jagħmel ħsara lil propjetà deliberatament. Jekk saret xi ħsara lill-bankina, dan kien neglijabbli. Is-suspett ta' "*fumus persecutionis*" jitqajjem mill-fatt li ħmerija bħal din waslet fil-livell ta' qorti kriminali.

II. TESTI LEGALI U KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMMUNITÀ TAL-MEMBRU TAL-PARLAMENT EWROPEW

1. L-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 jaqraw kif ġej:

„9. *Il-Membri ta' l-Assemblea m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' l-opinjoni jew voti espressi minnhom fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

10. *Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu għandhom*
a. *igawdu fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;*

b. *jiġu meqjusa immuni kemm mid-detenzjoni u kemm mill-proċeduri legali kontra tagħhom fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor.*

L-immunità għandha tapplika bl-istess mod għall-membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-membri tiegħu."

2. F'dan ir-rigward l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana huwa rilevanti, u jgħid kif ġej:

Artikolu 68

Il-membri tal-parlament m'għandhomx iwiegħbu għall-opinjoni espressa jew għall-vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat tagħhom.

L-ebda membru parlamentari ma jista' jkun suġġett għal tfittxija tal-persuna jew tad-dar, jew arrestat jew b'xi mod ieħor limitat fil-libertà tiegħu jew detenuti mingħajr il-permess tal-kamra, sakemm mhux għall-eżekuzzjoni

Barra minn hekk il-permess tal-kamra rispettiva huwa wkoll meħtieġ sabiex konverżazzjonijiet jew komunikazzjonijiet minn membri parlamentari jkunu suġġetti għal interċettazzjonijiet jew għal konfiska tal-korrispondenza tagħhom.

3. Fil-Parlament Ewropew il-proċedura hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli

6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Artikolu jgħidu dan li ġej:

"Artikolu 6: Tneħħija ta' l-immunità

1. Fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.

(..)

3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddifendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.

(...)“

"Artikolu 7: Proċeduri dwar l-immunità

1. Il-kumitat responsabbli għandu jikkunsidra mingħajr dewmien u fl-ordni li fih ġew imressqa t-talbiet għat-tneħħija ta' l-immunità jew talbiet għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

2. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni li sempliċement tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ta' l-immunità jew għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jġib miegħu dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor.

(..)

6. F'każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi joħolqux xkiel amministrattiv jew ta' xort'oħra mqiegħed fuq il-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew fuq opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twertiq tal-mandat jew li jidħlu fl-aspetti ta' l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità kkonċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.

7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ta' l-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibiltà tat-talba, iżda m'għandu f'ebda ċirkustanza jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet jew l-atti attribwiti lilu jew lilha jiġġustifikaw il-prosekuzzjoni, anke jekk, fil-kunsiderazzjoni tat-talba, jakkwista tagħrif dettaljat dwar il-fatti tal-każ.

(...)“

4. Mill-ewwel perjodu elettorali ta' ħames snin, fil-Parlament ġew żviluppati numru ta' prinċipji ġenerali li finalment ġew rikonoxxuti mir-Riżoluzzjoni¹ adottata waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 1987 fuq il-bażi ta' rapport tas-Sur Donnez dwar l-abbozz ta' protokoll fuq ir-reviżjoni tal-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta'

¹ ĠU C 99, 13.4.1987, p.44

April 1965 fir-rigward ta' Membri tal-Parlament Ewropew (A2-0121/86). Jidher li jagħmel sens li jitfakkru uħud mill-prinċipji li huma rilevanti għall-każ preżenti:

L-iskop ta' l-immunità parlamentari

L-immunità parlamentari mhijiex privileġġ personali tal-Membri tal-Parlament, iżda l-garanzija għall-indipendenza tal-Parlament u tal-Membri tiegħu fir-rigward ta' awtoritajiet oħra. Minn dan il-prinċipju joħroġ li mhuwiex ta' importanza jekk id-data li fiha jkun sar l-att allegat tkunx qabel jew wara l-elezzjoni tal-Membri parlamentari, iżda l-unika kunsiderazzjoni hija l-ħarsien ta' l-istituzzjoni parlamentari permezz tal-protezzjoni tal-membri tagħha.

L-indipendenza ta' l-immunità tal-Parlament Ewropew mill-immunità tal-parlamenti nazzjonali

Il-fatt li l-Artikolu 10 (1)(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej jirreferi għall-immunità konċessa lill-membri tal-parlamenti nazzjonali, ma jfissirx li l-Parlament Ewropew ma jistax jagħmel ir-regoli tiegħu għat-tneħħija ta' l-immunità parlamentari.

Id-deċiżjonijiet tal-Parlament wasslu għall-ħolqien ta' kunċett koerenti ta' l-immunità parlamentari Ewropea, li hija bażikament indipendenti mir-regoli prattikati fil-parlamenti nazzjonali. Bis-saħħa ta' dan jiġi evitat li membri jiġu trattati b'mod differenti minħabba n-nazzjonalità tagħhom. B'dan il-mod, filwaqt li l-immunità hija rispettata skond kull Stat individwali, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi dwar it-tneħħija ta' l-immunità ta' Membri fuq il-bażi tal-prinċipji konsistenti tiegħu stess.

L-immunità parlamentari sservi biex tħares il-libertà ta' espressjoni u l-libertà tad-dibattitu politiku tal-Membri. Għalhekk, il-kumitat responsabbli tal-Parlament dejjem kien tal-fehma li bħala prinċipju, f'ebda ċirkostanza ma titneħħa l-immunità, jekk l-akkużi li jsiru kontra l-Membri parlamentari jkunu marbuta ma' l-attivitajiet politiċi tiegħu, jew ikunu direttament relatati magħhom.

Dan japplika, pereżempju, għall-espressjoni ta' opinjonijiet, li wieħed jassumi, jiformaw parti mill-attivitajiet politiċi tal-Membri parlamentari, pereżempju waqt dimostrazzjonijiet, waqt laqgħat pubbliċi, f'pubblikazzjonijiet politiċi, fl-istampa, f'kotba, fuq it-telewixin, bil-firma ta' dokument politiku jew fil-qorti.

Ma' dan il-prinċipju jistgħu jiżdedu kunsiderazzjonijiet oħra, li jistgħu jargumentaw favur jew kontra t-tneħħija ta' l-immunità, b'mod partikolari fir-rigward tal-"*fumus persecutionis*", jiġifieri, is-suspett, li l-prosekuzzjoni qiegħda timxi bl-intenzjoni li tagħmel ħsara lill-attività politika tal-Membri parlamentari. Skond id-definizzjoni fil-ġustifikazzjoni tar-rapport ta' Donnez, il-kunċett ta' "*fumus persecutionis*" essenzjalment ifisser li l-immunità ma titneħħiex meta jkun hemm is-suspett li l-prosekuzzjoni għandha l-ħsieb li tagħmel ħsara lill-attività politika tal-Membri parlamentari.

Jekk, pereżempju, proċedura penali tkun nġiebet minn avversarju politiku, sakemm ma jkunx ippruvat il-kuntrarju, l-immunità ma titneħħiex, jekk ikun jidher li l-kawża saret biex tagħmel

ħsara lill-Membru konċernat, minflok ma titlob kumpens għall-offiża. Bl-istess mod, l-immunità wkoll ma titneħħiex, jekk proċedura kriminali tkun saret taħt ċirkostanzi li jagħtu x'wieħed jifhem li din aktarx tkun saret bi skop li ssir ħsara lill-Membru konċernat.

III. ĠUSTIFIKAZZJONI GĦALL-PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddiskuta fid-dettall l-Artikoli 9 u 10 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet li jistgħu jiġu applikati.

Il-Kumitat l-ewwel investiga r-rilevanza ta' l-Artikolu 9 tal-Protokoll.

L-Artikolu 9 jikonċerna l-immunità assoluta ta' Membru fir-rigward ta' l-espressjoni ta' opinjoni waqt il-qadi ta' dmirijietu. Is-Sur Borghezio rrifera għall-fatt li bil-kitba tal-kelma "għib" bl-isprej fuq il-bankina tal-Palazz tal-Ġustizzja kien qed jesprimi l-opinjoni tiegħu, li hija marbuta ma' l-uffiċċju tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-att kriminali li bih qed jiġi akkużat is-Sur Borghezio huwa marbut ma' l-azzjoni kriminali ta' ħsara fuq propjetà, li skond il-varjanti tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 639 tal-Kodiċi Penali Taljan tammonta uffiċjalment għal delitt punibbli u li twassal għal taħrika ta' detenzjoni għal mhux aktar minn sena jew, skond il-każ, għal multa. Il-kitba bl-isprej ta' test tista' ċertament tkun espressjoni ta' opinjoni, iżda prinċipalment il-kwistjoni mhijiex dwar l-espressjoni ta' opinjoni stess, iżda purament dwar il-ħsara fuq propjetà, li kkawża l-isprej fuq il-bankina. Għaldaqstant il-każ huwa aktar dwar iċ-ċirkostanzi li kellhom x'jaqsmu ma' l-espressjoni ta' opinjoni, li possibilment kellhom konsegwenzi ta' ħsara fuq propjetà.

Għal dak li għandu x'jaqşam ma' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10 a tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet, ir-rapporteur hija tal-fehma li mhemmx raġunijiet biżżejjed għal suspett ta' "*fumus persecutionis*"

M'hemm l-ebda evidenza li ssostni t-teżi li l-akkużi miġjuba kontra s-Sur Borghezio kellhom l-intenzjoni li jagħmlu ħsara lill-attività politika tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Wieħed jista' jassumi li l-azzjoni ta' kitba bl-isprej magħmula minn kwalunkwe Taljan ieħor taħt ċirkostanzi simili wkoll kienet twassal għall-prosekuzzjoni. Ukoll ma teżisti l-ebda evidenza li nġieb każ trivjali quddiem il-qorti kriminali.

2. Skond l-Artikolu 7 (2) tar-Regoli ta' Proċedura, fil-proposta għal deċiżjoni mill-kumitat huwa sempliċement rakkomandat li t-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi tiġi milquha jew miċħuda.

IV. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jirrakkomanda li, wara li eżamina l-argumenti favur u kontra l-ħarsien ta' l-immunità, jiċħad it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità tas-Sur Borghezio.

PROĊEDURA

Titolu	dwar it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Mario Borghezio
Numru tal-proċedura	(2006/2151(IMM))
Talba għall-ħarsien ta' l-immunità imressqa minn* Data tat-talba Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja * Informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss	Mario Borghezio 23.5.2006 1.6.2006
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 1.6.2006
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Maria Berger 12.6.2006
Rapporteur(s) preċedenti	
Eżami fil-kumitat	12.9.2006
Data ta' l-adozzjoni	3.10.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Berger, Carlo Casini, Rosa Díez González, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Hans-Peter Mayer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Rainer Wieland, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Gauzès, Luis de Grandes Pascual, Kurt Lechner, Marie Panayotopoulos-Cassiotou
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Data tat-tressiq	10.10.2006
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...